**16 ta' Ottubru, 1996**

**Imħallef:-**

**Onor. Noel Arrigo Ll.D.**

Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon, bħala rappreżentant tas-soċjeta` Formosa & Camilleri Ltd. u dina bħala aġenti Malta tas-soċjeta assikuratriċi estera Guardian Royal Exchange Assurance Plc., ssurrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha s-soċjeta` Carmelo Gauci Limited

*versus*

David Jones u Alfred Pollacco, għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta` Valletta Freight Services Limited, aġenti Malta tas-soċjeta` estera B. Pacorini s.r.l., trasportaturi tal-merkanzija *de qua*; u Godwin Abela, għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta` The Cargo Handling Co. Ltd.

**Ordinanza Dwar Portijiet - Kap. 170 tal-Liġijiet ta' Malta (Illum Abbrogata) - Regolamenti ta' l-1966 Dwar il-Portijiet - Avviż Legali 28 ta' l-1973 - Riskju u Responsabbilita` Dwar Merkanzija Depositata fil-Beraħ - Artikoli 1630, 1899 tal-Kodiċi Ċivili - Dixxiplina tal-Kodiċi Ċivili dwar Depositu u Vetturali bl-Art jew bil-Baħar**

*Is-soċjeta assikuratriċi ssurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha aġixxiet biex tirkupra danni konsistenti f'allegati nuqqasijiet minn konsenja.*

*Sentenza parzjali fuq esklużjoni ta' responsibbilita` naxxenti minn interpretazzjoni tar-regolament fuq imsemmi.*

*Il-Qorti sabet illi l-każijiet fejn merkanzija tiġi ddepositata fil-beraħ mhux wieħed minn dawk il-każijiet ta' eżenzjoni li jipprovdi għalihom is-subartikolu 3 ta' l-artikolu 6 ta' l-Ordinanza fuq indikata u għalhekk japplikaw ir-regoli ġenerali tal-Kodiċi Ċivili illi jittrattaw dwar l-obbligazzjonijiet tad-depositarju kif ukoll il-prinċipju ġenerali li r-riskju jibqa' mas-sid.*

*Il-Qorti rriteniet illi dan m'għandux iwassal għal interpretazzjoni li jfissru li d-Direttur tal-Portijiet jew il-kuntrattur tiegħu ma huwa qatt responsabbli u li m'għandhomx japplikaw l-prinċipji tal-Kodiċi Ċivili.*

*Il-Qorti nterpretat u ddeċidiet fuq it-tifsir legali tal-kliem "tagħbija f'unita` waħda" jew "merkanzija miġbura f'unita` waħda". Mill-fatti ma rriżultax lill-Qorti li kienu jeżistu l-elementi neċesarji għall-esklużjoni mir-responsabbilita` fis-sens tar-regolament.*

*L-eċċezzjonijiet trattati ġew miċħuda u l-kawża kellha titkompla fuq il-meritu u l-eċċezzjonijiet l-oħra.*

Il-Qorti:-

Din il-kawża hija dwar allegat nuqqasijiet fil-port ta' ħames kartuniet minn konsenja ta' sebgħa u tmenin (87) kartuna ta' serraturi li ġew trasportati minn Livorno lejn Malta fuq il-vapur Pinto;

Is-soċjeta` attriċi assikuratriċi ta' l-importatur ħallset is-somma ta' Lm661.40 li minnhom Lm25 kienu *agency fees* lill-istess importatur u għalhekk ġiet issurrogata fid-drittijiet tiegħu;

Il-konvenuti David Jones u Alfred Pollacco *nomine* għamlu l-eċċezzjonijiet tagħhom li jinstabu a fol. 14 tal-proċess;

Dawk tal-konvenut Godwin Abela *nomine* invece, jinstabu a fol. 18;

Fost dawn l-eċċezzjonijiet, hemm l-eċċezzjoni enumerata 7 fuq liema eċċezzjoni trid tingħata din is-sentenza parzjali;

Dina l-eċċezzjoni hekk tgħid:

"Illi *ai termini* ta' l-artikolu 70 tal-*Port Regulations* 1966 subinċiż (3) dwar *unitised cargo (amended by Legal Notice 28/73)* l-artikolu 6 tal-*Port Ordinance* subinċiż (3) u għal dawn ir-raġunijiet it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-attur *nomine*";

Dwar din l-eċċezzjoni saru noti ta' osservazzjonijiet mill-attur *nomine* u mill-konvenut Godwin Abela *nomine;*

Il-punti saljenti u relevanti ta' natura legali għas-soluzzjoni ta' din il-kwistjoni huma s-segwenti;

L-artikolu 6 subartikolu (3) ta' l-Ordinanza Dwar Portijiet - Kapitolu 170 (illum abrogata);

Dan is-subartikolu jissoġġetta lid-Direttur tal-Portijiet jew il-kuntrattur tiegħu għal provvedimenti tal-Kodiċi Ċivili li jirrigwardaw id-depositu u l-vetturali bl-art jew bil-baħar pero` il-*proviso* tiegħu, is-subinċiż (a) (v) jgħid li l-istess direttur ma jkunx responsabbli fejn il-ħsara tirriżulta minn "defiċjenza fil-kontenut ta' pakki mhux miksura";

L-avviż legali 28 ta' l-1973 li emenda r-Regolamenti dwar il-Portijiet li saru fl-1966 bis-saħħa ta' l-artikolu 12 ta' l-Ordinanza fuq imsemmija;

Dan l-avviż legali żied wara l-paragrafu (2) tar-regolament 70 tar-regolamenti prinċipali il-paragrafu (3) li issa hekk jgħid:

"Fil-każ ta' tgħabijiet f'unita` waħda jew merkanzija miġbura f'unita` waħda, id-Direttur tal-Portijiet jew il-

kuntrattur tiegħu jista' bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jagħti riċevuta għal kwantita` biss ta' tagħbijiet f'unita` waħda riċevuti mill-bastiment";

Dan l-avviż legali emenda ukoll il-paragrafu wieħed (1) tar-regolament tnejn (2) tar-regolamenti prinċipali f'dan is-sens:

"Tagħbija f'unita` waħda" u merkanzija *miġbura* "f'unita` waħda" għandhom l-istess tifsir kif mogħti lilhom fl-Ordinanza ta' l-1962 dwar il-Ħaddiema tal-Port";

Il-konvenut Abela isostni illi dawn il-provvedimenti tal-liġi japplikaw għall-każ preżenti fejn il-merkanzija ġiet fuq *pallets*, liema *pallets* jaqgħu taħt id-deskrizzjoni tal-liġi fuq mogħtija;

Ir-Regolament 90 tar-regolamenti ta' l-1966 dwar il-Portijiet jipprovdi fuq oġġetti maħżuna fil-beraħ b'dan il-mod;

"Is-Supretendent jista' fid-diskrezzjoni tiegħu jordna li żebgħa, żjut jew likwidi oħra infjammabbli, oġġetti li fin-natura tagħhom infushom jista' jikkontaminaw jew jagħmlu ħsara lill-oġġetti oħra, u oġġetti speċifikati fit-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti m'għandhomx jiġu depositati f'bini iżda għandhom jiġu maħżuna jew depositati fil-beraħ u dejjem a riskju biss tas-sid";

Eżami ta' din it-Tlettax-il Skeda, tindika li din il-konsenja partikolari, meritu ta' din il-kawża, li kienu serraturi huma fil-fatt "ħadid, azzar u metalli oħra, jew fabbrikati tagħhom". U għalhekk kienu oġġetti li kellhom forsi jiġu maħżuna fil-beraħ, għalkemm il-Qorti tħoss li għandha tirrimarka li m'għandux ikun it-tip jew kwalita` tal-materjal tal-merkanzija li twassal għal fejn jiġu maħzuna dawn l-oġġetti iżda id-daqs u l-kobor

tagħhom, li tkun tali li dawn "ma jkunux jistgħu jiġu mmagazzinati *b'mod tajjeb fil-bini*";

*In ogni caso*, pero`, ma jidhirx li din hija l-kontestazzjoni prinċipali f'dan l-istadju li invece hija l-frażi "dejjem għar-riskju biss tas-sid";

Il-konvenut Abela, infatti, isostni li din il-frażjoloġija tilliberah minn kwalunkwe responsabbilita` legali;

fir-risposta tagħhom l-atturi jistrieħu fuq dan il-punt fuq sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fit-12 ta' Ottubru, 1995 fl-ismijiet **Dr. Simon Micallef Stafrace** ***noe vs*** **Neville Mifsud** ***et noe et*** (Ċitaz. Nru. 1643/92AM) fejn il-Qorti ikkonkludiet illi:

"Lanqas il-fatt li l-merkanzija tinħażen *in the open and always at the sole risk of the owner* ma jeżimi lis-soċjeta` konvenuta mill-atti kriminali ta' l-impjegati tagħha jew ta' terzi bħallikieku l-merkanzija flok fil-"kustodja" tagħha kienet abbandunata f'xi għalqa ...";

Mhuwiex ikkontestat li din is-sentenza tinstab pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell;

Il-Qorti sejra tibda billi teżamina dan it-tielet u l-aħħar punt;

L-ewwel, ma jirriżultax illi fil-każ preżenti saru xi atti kriminali mill-impjegati tas-soċjeta` konvenuta jew minn terzi minkejja illi huwa wisq probabbli illi nuqqasijiet ta' din in-natura huwa riżultat tal-fatt li xi ħadd ikun approprja ruħu minn dawn l-oġġetti mingħajr dritt u li dan huwa effettivament att

kriminali. Dana ukoll apparti mill-prinċipju legali li huwa prinċipju korrett, imsemmi mill-konvenut dwar ir-responsabbilita` tiegħu emerġenti mill-artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili - Kapitolu 16;

Ir-responsabbilita` pero`, f'dan il-każ hija tal-parti l-oħra li tipprova li huwa kien impjega lil xi ħadd jew lil xi persuna li ma kellhiex il-ħila tagħmel ix-xogħol tagħha. Din tillimita r-responsabbilita` tiegħu;

Irid, pero`, jingħad ukoll li l-każijiet fejn il-merkanzija tiġi depositata fil-beraħ mhuwiex wieħed minn dawk il-każijiet ta' eżenzjoni li jipprovdi għalihom is-subartikolu 3 ta' l-artikolu 6 ta' l-Ordinanza Prinċipali;

Japplikaw għalhekk, għal dan il-każ sew il-provvedimenti tad-depositu u sew dawk tal-vetturali bl-art jew bil-baħar kif jiddisponi dwarhom il-Kodiċi Ċivili;

Hekk *jipprovdi* l-artikolu 1630:

"Huma obbligati għat-telf tal-ħaġa fdata lilhom u għal ħsarat li jidħru fiha, meta ma jippruvawx li l-ħaġa intilfet jew ġratilha l-ħsara b'inċident jew b'forza maggore, u mingħajr ħtija tagħhom";

Dan il-provvediment għandu japplika għall-każ preżenti;

Għandhom japplikaw ukoll ir-regoli ta' l-artikolu 1899 *et sequitur* ta' l-istess Kodiċi Ċivili li jittrattaw dwar l-obbligazzjonijiet tad-depositarju;

Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti għall-

konklużjoni illi r-riskju msemmi fir-regolamenti ovvjament jeżimi minn kull responsabbilita` lid-Direttur jew kuntrattur *tiegħu għal danni riżultanti minn forza maggiore. Dan pero`* mhu xejn ħlief applikazzjoni normali tal-prinċipju tal-kuntratt ta' depożitu, kif ukoll tal-prinċipju legali ġenerali li r-riskju, fis-sens legali, jibqa' mas-sid;

Wieħed pero` irid imur oltre biex l-istess regolamenti *jagħmlu sens ġuridiku. Huwa ovvju li meta merkanzija tiġi* depositata fil-beraħ u mhux fil-mibni hija soġġetta għal possibbilita` ta' ħsara minn elementi naturali tax-xita, xemx u r-riħ aktar minn normali;

Huwa ovvju ukoll li l-Ministru permezz ta' dawn ir-*regolamenti irid jipproteġi lill-istess direttur minn din l-*eventwalita` u jeżonerah minn kull ħsara ikkaġunata minn dawn l-istess elementi li jmorru ferm oltre l-"forza maggore" normali pero` li kontra tagħhom id-Direttur, fir-rigward ta' merkanzija, li minħabba n-natura tagħha trid tinħażen fil-beraħ, ma jista' jagħmel xejn biex tiġi evitata l-ħsara;

Il-Qorti pero` ma tasalx biex tinterpreta dawn ir-regolamenti li jfissru li d-Direttur mhu qatt responsabbli f'dan il-każ u li m'għandhomx japplikaw il-prinċipji tal-Kodiċi Ċivili fuq imsemmija għax li kieku l-leġislatur hekk ried dan kien jgħidu fl-Att Prinċipali fil-*proviso* ta' l-artikolu 6 kif qalu f'każijiet oħra;

Superat dan il-punt jibqa' għalhekk biex jiġi determinati jekk *pallet* taqax taħt dak indikat mill-Ordinanza u mir-Regolamenti, partikolarment bil-mod imsemmi fil-punti 1 u 2 supra;

Qabel pero ma l-Qorti tiġi għall-argument prinċipali,

jridu jsiru pero` żewġ osservazzjonijiet. L-ewwel fil-fehma ta' din il-Qorti, *il-liġi meta qiegħda titkellem f'defiċjenza* f'kontenut ta' pakk mhux miksur, qiegħda tirreferi għal kartuna partikolari u mhux għal *pallet*;

Ġustament dan kien ikun il-każ kieku hemm oġġetti neqsin *mill-kaxxa li hija issiġġillata*. Dan *huwa* pero` *każ differenti* minn meta l-kaxxa kollha tkun nieqsa;

It-tieni osservazzjoni hija li l-emendi għar-regolamenti li saru bl-avviż legali 28 ta' l-1973 u li ġew ikkwotati mill-konvenut *nomine*, jitkellmu fuq l-obbligu tad-Direttur li jagħti riċevuta u mhux fuq eżenzjoni mir-responsabbilita` legali tiegħu;

Stabbilit dan il-punt wieħed jiġi biex jara x'tifsira tista' tingħata lill-frażijiet "tagħbija f'unita` waħda" u "merkanzija miġbura f'unita` waħda". Kif fuq intqal, dawn għandhom l-istess *tifsir kif mogħti lilhom fl-Ordinanza ta' l-1962 dwar il*-Ħaddiema tal-Port;

Fl-artikolu 2 ta' din l-Ordinanza (Kapitolu 171 tal-Liġijiet ta' Malta) hemm indikat x'inhi proprju "tagħbija f'unita` waħda" jew "merkanzija miġbur f'unita` waħda", li fost tifsiriet oħra b'referenza partikolari għall-każ preżenti, fis-subinċiż (e) tinkludi:

"Merkanzija fuq *pallets li jiġu mogħtija* lura jew le, kemm-il darba dik il-merkanzija tiġi maniġġjata minn fuq il-bastiment għall-moll jew bil-kontra, għal kollox b'mezzi mekkaniċi minn postijiet tad-dħul, għal jew ħruġ minn bastiment barra minn bokkaporti konvenzjonali";

Applikat dan, is-subinċiż għall-każ preżenti jirriżulta illi

minkejja illi l-ħames (5) kartuniet minn 87 kartuna li nstabu neqsin, kienu ippakkjati f'żewġ *pallets*, ma jirriżultax lill-Qorti illi l-provvedimenti ta' l-istess subinċiż (e) japplikaw għal dan il-każ u dan fis-sens li l-unika konnessjoni li saret bejn in-nuqqas ta' responsabbilita` u l-merkanzija, hija t-tagħbija fil-*pallets*, mentri l-liġi f'dan is-subinċiż tirrikjedi ferm oltre minn hekk, biex tissusisti o meno din ir-responsabbilita`;

Għal dawn ir-raġunijiet kollha fuq mogħtija, dina l-kawża hija parzjalment deċiża, billi s-seba' eċċezzjoni tal-konvenut Godwin Abela *nomine* hija respinta bl-ispejjeż kontra tiegħu u l-kawża għandha titkompla tinstema' fuq il-meritu u fuq l-eċċezzjonijiet l-oħra.